# REĠJUN TRAMUNTANA

**112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.**

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 121, miżmuma nhar l-14 ta' Frar 2020, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fis-sebgħa neqsin kwart ta' filgħaxija.

---

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Anton Mifsud | | President |
| • Daryl Connor | San Pawl il-Baħar | Membru |
| • Abraham Aquilina | Għargħur LC | Membru |
| • Raymond Schembri | Dingli LC | Membru |
| • John Buttigieg | Mellieħa LC | Membru |
| • Romilda Zarb Baldachino | Mosta LC | Membru |
| • Matthew Cethcuti | Rabat LC | Membru |
| • Paul Vella | Mġarr LC | Viċi President |

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • Christiane Mifsud | Mtarfa LC | Membru |
| • A.M.Muscat Fenech Adami | Naxxar LC | Membru |
| • Mary Ann Abela | Swieqi LC | Membru |

Membri Assenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Dean Hili | Pembroke LC | Membru |
| • Peter Sant Manduca | Mdina LC | Membru |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla

Id-deputat Segretaju Eżekuttiv Kristina Cammilleri, kienet ukoll preżenti



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

# AĠENDA

AĠENDA

121.0 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;
121.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
121.2 Komunikazzjoni mis-Sindku
121.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
121.4 Rapporti;
121.5 *Items* oħra ta’ Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
*121.5:1* Attivita Anzjani proposal
*121.5.2* *Y Engage – Youth Festival – Street Sport Festival*
*121.5.3* *Book*
*121.5.4* *Festival Baned u Nar*
*121.5.5* *Bank Key and Fixed Term account*
*121.5.6* *Replacement Computers*
*121.5.7* *Disposal of monitor and computer*
*121.5.8* *DPO – Truibunal papers*
*121.5.9* *Culture*
*121.5.9.1* *Directory of NGOs*
*121.5.9.2* *Regular meetings of culture subcom5 mittee*
*121.5.9.3* *Develop a culture plan for the region and rescorces for the region*
121.6 Korrispondenza
121.6.5 AO Request;
121.6.6 Regjun Centru
121.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti;
121.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa nfetħet mill-President Anton Mifsud. Bdiet 18:00hrs

Il-President tar-Reġjun fetaħ il-laqgħa billi rringrazzja lill-membri tal-attendenza.

## 1. Qari t’ Apoloġiji

Is-Sinjuri Christianne Mifsud, Anne Marie Muscat Fenech Adami u Maryanne Abela kienu skużati.
Dr Dean Hili, u Peter Sant Manduca kienu assenti

## 2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Minuti tal-laqgħa numru 120 kienu ppreżentati waqt il-laqgħa u l-membri ingħataw iċ-ċans jaqraw il-minuti. Wara, il-minuti ttieħdu bħala moqrija. Raymond Schembri ippropona li jkunu approvati, Abraham Aquilina issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

101

**Punti Mqajma mill-Minuti**
Daryl Connor saqsa jekk kien hemmx xi żvilupp fuq CCTVs. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li nforma lill-Kunsilli rigward dan il-proġett. Fil-jiem li ġejjin kien ser jerġa' jikteb lill-Kunsilli u jitlob li dawn jagħtu l-indikazzjoni ta' fejn iridu l-cameras u jiprovdu site-plan.

Cultural tours – minħabba li kien hemm nuqqas ta' parteċipazzjoni, l-ewwel żjara kienet posposta. Is-SE ser jitkellem ma' VIP tours rigward dati sabiex ma jkunx hemm attivitajiet fl-istess ġranet ma' tal-Kunsilli. Kien ukoll kiteb lill-Kunsilli biex ituh dati ta' meta dawn għandhom l-attivitajiet.

Is-Segretarju Eżekutiv ġibed l-attenzjoni li numru ta' Kunsilli jew ma kienux jafu, jew mhux qed jiċċirkolaw il-minuti, jew ma kienux qed jinżammu aġġornati sew mir-rapreżentanti rigward l-attivitajiet u l-proġetti tar-Reġjun. Dan ħareġ ċar fl-aħħar xhur b'nuqqas ta' parteċipazzjoni u koperazzjoni minn numru ta' Kunsilli.

John Buttigieg propona li l-membri tar-Reġjun jippreżentaw il-minuti tar-Reġjun waqt il-laqgħa tal-Kunsill, u hawn jispjegaw dak li huwa mportanti għall-Kunsilli, u dan għandu jitniżżel fil-minuti tal-Kunsill rispettiv. Il-membri kollha qablu li dan għandu jsir u qablu biex tibda tintuża din il-proċedura fil-laqgħat rispettivi tal-Kunsilli Lokali tagħhom.

## 4 Komunikazzjoni mil-President

Il-President Anton Mifsud

Il-President tkellem dwar il-ktieb tar-Reġjun. Talab biex jintbagħtu r-ritratti kemm jista' jkun malajr. Romilda Baldacchino Zarb ġibdet l-attenzjoni li t-test għandu bżonn korrezzjonijiet u jkun hemm proof reading sew. Hemm ukoll bżonn li t-tipa tkun kullimkien l-istess. Is-SE ser ikellem lil Dr Fenech u jirranġa laqgħa għall-membri kollha rigward il-ktieb.

Contracts Manager –Is-Segretarju Eżekuttiv kien kiteb lid-Direttur sabiex jigwida lir-Reġjun, pero´ s'issa għad m'hemm l-ebda tweġiba.

Ittra ta' TOAD. Il-Kumpanija Toad kienet kellmet lil-President u wriet ix-xewqa biex issir diskussjoni li twassal għal qbil rigward kumpens mingħajr ma tinfetaħ kawża l-Qorti. Dawn kienu diġa bagħtu ittra legali f'dan ir-rigward. Saret diskussjoni fejn id-deċiżjoni kienet li s-SE ikellem lid-Dipartiment rigward dan u jitlob tweġiba jekk għandux ir-Reġjun jibda din id-diskusjoni.

## Rapporti:

Social Impact Assessment - IS-SE informa lill-membri li bil-liġi tal-Kunsilli l-ġdida, ir-Reġjun għandu l-obbligi li jagħmel Social Impact Assessment ma' kull leġislatura. Tliet snin ilu, ir-Reġjun kien ikkommisjona l-Economic Social and Cultural plan, u issa wasal iż-żmien biex jinħadem SIA. Il-membri ssuġġerew lis-SE biex jitkellem mal-Professur Andrew Azzopardi – id-decan tal-fakulta fl-Universita´ ta' Malta rigward dan l-istudju biex ikunu fformulati "Terms of reference".



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## Korrispondenza

Is-SE ippreżenta ittra mir-Reġjun Ċentru fejn dawn talbu lir-Reġjun tagħna jekk hux possibli li l-kamra tan-Nar ta' Ħal Lija tkun mistiedna tipparteċipa fil-Festival Tal-Baned u Nar. Il-membri qablu unanimament li dan il-Festival għal din is-sena jinżamm għall-membri tat-Tramuntana. Is-SE ser jinforma lir-Reġjun Ċentru b'din id-deċiżjoni.

## Proposti Reġjonali

- Attivita għall-anzjani – Rigward il-proposta ta' Johane Casabene Dance Conservatiore , il-membri ssuġġerew li s-SE ikellem lil Nanniet Malta u jara jekk dawn jistgħux jgħinu biex nilħqu n-nies għaliha. Jekk ma naslux, ir-Reġjun jippreżenta numru ta' biljetti lil kull Kunsill biex dawn jieħdu ħsieb direttament huma jqassmu dawn il-biljetti lill-anzjani fil-komunita tagħhom. Paul Vella ġibed l-attenzjoni li numru ta' biljetti jitqassmu skond il-popolazzjon tal-Kunsill u mhux ugwali. (dan minħabba d-daqs rispettiv ta' kull lokalita´). Il-membri qablu unanimament.

- Street Sport Festival, ikkombinat mal-Youth Festival -Paul Vella, issekondat minn Romilda Baldacchino Zarb, ippropona li dan il-Festival għandu jittella f'Ġunju li ġej ġewwa l-lokalita´ ta'Pembroke. Għandu jkun hemm 4 attivitajiet oħra f'lokalitajiet oħrajn qabel Ġunju. Il-membri qablu unanimament. Dan il-festival għandu jkun parzjalment iffinanzjat mill-Y-Engage budget.
- Laqgħa mal-ministeru tat-Turiżmu – Romilda Baldacchino Zarb infurmat lill-mejda li assistiet lis-SE biex tiffissa laqgħa mac-Chief of Staff tal-ministeru tat-Turiżmu biex ir-Reġjun jitlob għajnuna għal attivitajiet tiegħu. Din il-laqgħa ser issir fit-28 ta' Frar, fl-uffiċju tal-Ministeru – fit-15.30hrs.
- Poster tal-Festival Baned u Nar – Is-Segretarju ntalab jaħdem fuq poster għal dan il-festival. Kien hemm ukoll it-talba li jsir banner għal kull każin biex jirreklama dan il-festival. Is-SE ser jaħdem fuq dan ir-rigward il-ġimgħa d-dieħla.
- Financial Accounts Seminar – Is-SE spjega li wara li kien kellem lill-Accountant tar-Reġjun Ms Romina Perici Ferrante, rigward li din ittella seminar dwar kif wieħed jaqra u jinterpreta FS, l-accountant kienet aċċettat. Id-data proposta għal din il-laqgħa hija 14 ta' Marzu 2020. Is-SE ser jikkonferma jekk id-data proposta hix tajba għall-accountant.

## 5. Affarijiet oħra ta' xogħol ieħor meħtieġa.

Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-membri japprovaw reżoluzzjoni li hu bħala Segretarju Eżekuttiv ikun jista japplika mal-BOV biex jingħata aċċess elettroniku sabiex ikun jista jmexxi fondi minn account tar-Reġjun għal ieħor tar-Reġjun (Operating Current Account għal e-account u viċi versa) kif ukoll biex jiftaħ kont ta' savings fixed term, sabiex nevitaw li r-Reġjun jeħel spejjeż fuq kontijiet bil-bilanċ għoli.

Is-Sur Paul Vella ippropona li l-membri japprovaw din ir-reżoluzzjoni. John Buttigieg issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

Is-SE informa lill-membri li l-ġimgħa ta'qabel kellu jġib żewġ monitors ġodda biex jibdel tnejn li kienu marru. Infurmahom ukoll li l-kompjuter tiegħu li kien bil-ħsara, ma jissewwiex. Abraham Aquilina, issekondat minn Matthew Chetcuti ppropona li s-SE jakkwista kompjuter ġdid. Il-membri qablu unanimament.

Cultural Plan – is-SE spjega li wara li kienu saru s-seminar kulturali u l-laqgħa mas-sottu kumitat regjonali tal-Kultura, kien propost li r-Reġjun jaħdem biex isir direttorju aġġornat tal-NGO's. Romilda Baldacchino Zarb, issekondata minn Matthew Chetcuti pproponiet li r-Reġjun jagħmel dan l-istudju u jippublika dan id-direttorju. Il-membri qablu unanimament.

Sotto kumitat tal-kultura – il-membri qablu li r-Reġjun għandu jitlob lill-Kunsilli kollha biex il-Kunsilliera responsabbli għall-kultura jiffurmaw sotto kumitat reġjonali u dan jibda jiltaqa regolari.

Paul Vella talab lis-SE biex jiprovdi disinfettant lill-impjegati kollha li jmissu mal-flus u ittri, dan minħabba prekawzjoni ta' mard. Il-membri qablu.

Romilda Baldacchino Zarb staqsiet lill-membri jekk hux isibu problema mal-Enemalta rigward twaħħil ta' bozoz mal-ħitan, għaliex hija fil-Mosta, l-Enemalta kienet qed titlob li l-ebda dwal ma jitwaħħlu mal-ħitan u minflok is-servizz jgħaddi minn taħt l-art u jsiru arbli. Dan ifisser nefqa konsiderevoli għall-Kunsill. Is-SE ser jitkellem ma' Renzo Curmi u jaġġorna lill-membri fil-laqgħa li jmiss.

Romilda Baldacchino Zarb staqsiet dwar is-sinjali tat-traffiku li jindikaw li wieħed irid jipparkja wiċċu l' ġewwa humiex legali. Peress li preżenti kien hemm id-Dep SE li tiġi r-Reġistratur tat-Tribunal, din kienet mistoqsija dwar il-każ. Id-DSE ser tiċċekkja mal-prosekutur u tinforma lura lill-membri.

## 6. Aprovazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-iskeda tal-pagamenti numru 120 . Paul Vella ppropona li jitħallsu l-pagamenti. John Buttigieg issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

95

## Aġġornament.

Il-Laqgħa ntemmet fl-disgħa u nofs ta’ filgħaxija.

Il-Laqgħa li jmiss ser tkun fl-24 ta’ Marzu fis-18.30 hrs.

| | |
|---|---|
| ________________________ | ____________________________ |
| Anton Mifsud | George Abdilla |
| President | Segretarju Eżekuttiv |
| Approvati llum 24 ta’ Marzu 2020 | |